MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Numru 384/2000

**Il-Pulizija**

(Spettur Alfred Mallia,
Spettur Marika Camilleri)

**vs**
**Anthony Brignone**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Brignone ta’ 46 sena, ID 524553M bin Joseph u Clementa nee’ Abela, mwieled Pieta’ fis- 17/07/1953 u residenti St. Joseph, Triq tal- Labour, Zabbar.
Talli f’ dawn l- ahhar xhur u fil- 15/01/2000, f’ dawn il-Gzejjer, xjentement ilqghajt ghandek jew xtrajt Video Recorder Philips valur LM140, li kien gej minn serq; liema

serq kien ikkwalifikat bil- valur; bil- persuna u bil- lok jew, xjentament b' kull mod li jkun, indhalt biex tbighu jew tmexxih, bi ksur tal- artiklu 334 tal- kap 9 tal- ligijiet ta' Malta.
Semghet ix- xhieda bil- gurament.
Rat l- atti u id- dokumenti kollha.
Rat in- nota tal- Aukat Generali.
Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li il- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il- Qorti.
Semghet it- trattazjoni tal- prosekuzjoni u tad- difiza.
Ikkonsidrat
1. Ix- xhud Saviour Cachia xehed id l- video recorder bighu lill- akkuzat u dejjem qallu li dan kien tieghu, bil- prezz ta' ghoxrin Lira Maltija (Lm 20). Cachia kien daru mal- hajt, kellu biss dan il- video u bieghu. Jistqarr (l- akkuzat), ma xtara xejn misruq, sa fejn naf jien ghax tieghi.
Ommu infurmat il- Pulizija li l- video kien taghha imma Cachia dejjem sostna li l- video kien tieghu. Cachia ghandu problema bid- droga.
2. Xhed l- ispettur Alfred Mallia, omm Cachia ghamlet li binha kien serqilha affarjiet mid- dar inkluz video tal- valur ta' Lm 140. Quddiem l- ispettur Cachia ammetta li l- video inghata lura mill- imputat. L- ispettur jaf li l- video inghata lura mill- imputat li irceva Lm 20 minghand omm Cachia u bintha. Cachia dejjem sostna li l- video kien tieghu waqt li ommu dejjem sostniet li kien taghha. Quddeim xhieda bhal din ma jistax jinghad li l- akkuzat xjentament laqa' ghandu jew xtara xi haga misruqa. Il- Qorti trid toqghod fuq il- provi imressqa quddiema u tara jekk dawn iwassluiex, minghir dubju ragonevoli, lejn il- htija ta' l- akkuzat.
Il- Qorti issib lil- akkuzat mhux hati tal- akkuzi migjuba kontrih, tehilsu minn kull htija u kastig.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------